TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 183/22/F

**Marvic Zammit**

**vs**

**Mario Attard**

Illum, 26 ta' Ġunju, 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar it-2 ta' Diċembru 2022;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-Intimat fid-9 ta' Jannar 2023;

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar l-4 ta' April 2017 fejn it-Tribunal, kif diversament presedut awtorizza lill-Intimat sabiex jippreżenta Risposta fi żmien 18-il jum;

Sema x-xhieda tal-partijiet waqt is-seduta tal-24 ta' April 2023;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Sema s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi l-ilment tar-Rikorrent effettivament jiċċentra dwar il-fatt li skont hi, l-Intimat għandu jirrifondiha s-somma ta' disa mija u ħamsin Euro (€950.00) rappreżentanti bilanċ minn depożitu ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500.00) li hija kienet ħallset lill-Intimat għal xogħlijiet ta' dawl u ilma ġo *maisonette* tagħha.

Ġara li l-*maisonette* inbiegħet lil terzi u ammont sostanzjali mix-xogħlijiet pattwiti bejn ir-Rikorrenti u l-Intimat baqgħu ma sarux.

Illi mill-banda l-oħra, fir-Risposta tiegħu, l-Intimat jgħid li "jien naf li tagħtni ċekk ta' €1,500.00 imma m'għandix nota u wisq anqas riċuvata ta' xiex sar dan il-pagament. Għalhekk ġialadarba tipprovdili nota b'referenza tal-pagament, jiena lest li nroddilha l-ammont ta' €950.00 lura. Jekk le għandi nitħallas €542.80 tal-aħħar xogħol li sar fil-*maisonette*". L-Intimat fil-fatt eżebixxa fattura fl-ammont ta' €542.80 rappreżentanti xogħol fis-*small maisonette* konsistenti minn *electrical installation pipe work only*; *drains in front garden* u *materials and labour*.

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament quddiem it-Tribunal, ir-Rikorrenti tispjega li l-fattura li ppreżenta l-Intimat tirrappreżenta l-unika xogħol li fil-fatt kien sar u taqbel li hija dovuta biss issostni li hija kienet għaddiet depożitu lill-Intimat permezz ta' ċekk ta' €1,500.00 u allura din il-fattura kellha tinqata' minn dak l-ammont akbar u l-bilanċ jiġi rifuż lilha. In sostenn ta' dan, ir-Rikorrenti ippreżentat kopja tal-istess fattura hija ukoll kif ukoll *cheque image* maħruġa mill-bank li tindika li ċ-ċekk BOV 0233 fl-ammont ta' €1,500.00 kien issarraf mill-Intimat.

Illi l-intimat fix-xhieda tiegħu għal darb'oħra jerġa' jkun neboluż u jtenni li mhuwiex f'pożizzjoni li jikkonferma jekk il-pagament ta' €1,500.00 li rċieva għandux x'jaqsam mal-kont li ppreżenta mar-Risposta u għalhekk, mhux ċert jekk tħallasx jew le. Jikkonferma li huwa kien sarraf ċekk fl-ammont ta' €1,500 maħruġ a favur tiegħu mir-Rikorrenti.

Illi hawn it-Tribunal jissottolinea li kien obbligu legali tal-Intimat (kemm taħt in-normattiva diretta lejn il-ħarsien tal-Konsumatur kif ukoll taħt il-liġijiet fiskali) li joħroġ riċevuta għall-pagamenti riċevuti minnu mingħand il-klijenti. Jekk illum, b'riżultat tan-nuqqas tiegħu li jagħti riċevuti, jinsab fi stat ta' konfużjoni dwar dak li ġabar u dak li ma ġabarx, *imputet sibi*.

Illi wara li qies bir-reqqa l-verzjonijiet taż-żewġ partijiet u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, iqis li l-verżjoni tar-Rikorrenti hija dik l-aktar kredibbli u verosimili u għalhekk hija jistħoqqilha li tiġi rifuża l-bilanċ mid-depożitu li ħallset lill-Intimat. Għalkemm id-differenza realment hija ta' €957.20, it-Tribunal huwa marbut bit-Talba kif dedotta mir-Rikorrenti fl-avviż tat-Talba u ċioè dik ta' €950.00.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u konsegwentament jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti s-somma ta' disa mija u ħamsin Euro (€950.00) kif mitlub.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tal-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***